# Programm ta' Ħidma tal-Imsieħba Soċjali Ewropej 2009 - 2010

## INTRODUZZJONI

**BUSINESSEUROPE**, **UEAPME**, **CEEP**, **ETUC** (u l-kumitat EUROCADRES/CEC) isaħħu l-impenn tagħhom biex b'mod konġunt jindirizzaw l-isfidi soċjali, ekonomiċi u ambjentali tal-Ewropa. Dan jitlob rwol attiv mill-imsieħba soċjali fil-livelli kollha flimkien ma' dak tal-awtoritajiet pubbliċi. Dan il-Programm ta' Ħidma jfisser l-inizjattivi awtonomi li se jwettqu l-Imsieħba Soċjali Ewropej matul l-2009-2010.

L-imsieħba soċjali Ewropej jemmnu li dan it-tielet programm ta' ħidma se jippermettilhom jindirizzaw l-isfidi li jirriżultaw mill-proċessi ta' integrazzjoni Ewropea u ta' globalizzazzjoni. Barra minn dan, l-IS tal-UE huma konxji tal-kuntest il-ġdid maħluq mill-kriżi finanzjarja u ekonomika kurrenti u huma lesti li jikkunsidraw l-implikazzjonijiet fuq medda ta' żmien qasira, medja u twila li din se jkollha fuq il-ħaddiema u fuq min iħaddem. Biex ikun imrawwem l-iżvilupp sostenibbli, l-imsieħba soċjali Ewropej iqisu li l-Ewropa jeħtieġ li tirrestawra t-tkabbir ekonomiku, ittejjeb il-kompetittività, il-produttività u l-kwalità tal-impjiegi, biex tikseb impjieg sħiħ u progress soċjali u biex ittejjeb il-ħarsien tal-ambjent. F'dan il-kuntest, huwa se jfittxu li jevalwaw it-taħlita xierqa ta' politiki tas-suq makro, mikro u tax-xogħol li twassal biex tistabbilizza l-ekonomija u jintlaħqu t-tkabbir sostenibbli u livelli għolja ta' impjieg.

L-imsieħba soċjali Ewropej se jkomplu jrawmu l-irwol importanti tad-djalogu soċjali awtonomu u l-impatt pożittiv tiegħu fuq is-swieq tax-xogħol Ewropej.

Il-programm ta' ħidma l-ġdid se jkopri perjodu ta' sentejn (2009-2010) sabiex ikun sinkronizzat mal-Istrateġija tat-Tkabbir u l-Impjiegi. Huwa se jkompli jibni fuq il-ħidma li diġà twettqet b'mod konġunt, bħalma hi l-analiżi konġunta tal-isfidi tas-suq tax-xogħol, l-aġenda tal-bidla ekonomika u soċjali, ir-rikonċiljazzjoni bejn il-ħajja privata u professjonali, il-bini ta' kapaċità għal djalogu soċjali fl-Istati Membri tal-UE u l-pajjiżi kandidati u l-implimentazzjoni ta' strumenti ta' djalogu soċjali.

Il-programm ta' ħidma fih ukoll għadd ta' inizjattivi ġodda li se jitwettqu mill-imsieħba soċjali Ewropej.

Dawn jinkludu:

✓ **Rakkomandazzjoni konġunta li għandha l-għan li tikkontribwixxi għad-definizzjoni tal-post aġenda ta' Liżbona 2010, ukoll fil-kuntest tal-kriżi ekonomika u finanzjarja kurrenti;**

✓ **L-iżvilupp ta' approċċ konġunt lejn l-aspetti soċjali u ta' impjieg u l-konsegwenzi tal-politiki dwar it-tibdil fil-klima bl-għan li jkunu mmassimizzati l-opportunitajiet u mminimizzati l-effetti negattivi u li jiġu identifikati azzjonijiet konġunti possibbli;**

✓ **Il-monitoraġġ konġunt tal-implimentazzjoni tal-prinċipji komuni tal-flessigurtà, l-aktar sabiex ikun evalwat l-irwol u l-involviment tal-imsieħba soċjali fil-proċess u biex wieħed jitgħallem minnu;**

✓ **Li jiġu indirizzati b'mod konġunt kwistjonijiet dwar mobbiltà u migrazzjoni ekonomika u l-promozzjoni tal-integrazzjoni ta' ħaddiema migranti fis-suq tax-xogħol u fuq il-post tax-xogħol sabiex jiġu identifikati azzjonijiet konġunti possibbli.**

Barra minn hekk, l-imsieħba soċjali Ewropej se jkomplu jiżviluppaw għadd ta' azzjonijiet li nbdew taħt il-programm ta' ħidma preċedenti.

Dawn jinkludu:

- ✓ **In-negozjar u l-implimentazzjoni ta' ftehim qafas awtonomu dwar is-swieq tax-xogħol inklussivi;**

- ✓ **Il-finalizzazzjoni tal-istudji nazzjonali dwar il-bidla ekonomika u soċjali fl-UE-27 sabiex titwettaq ġestjoni effettiva tal-bidla u r-ristrutturazzjoni;**

- ✓ **In-negozjar ta' azzjonijiet qafas dwar l-impjiegi;**

- ✓ **It-tkomplija tal-ħidma fuq il-bini tal-kapaċità għall-imsieħba soċjali f'UE mkabbra, fiż-ŻEE u fil-pajjiżi kandidati inkluż l-iżvilupp ulterjuri tal-attivitajiet taċ-ċentri tar-riżorsi tal-imsieħba soċjali rispettivi;**

- ✓ **Il-monitoraġġ, il-valutazzjoni u l-evalwazzjoni tal-implimentazzjoni tal-ftehimiet qafas tal-UE dwar id-djalogu soċjali u tal-oqfsa ta' azzjonijiet;**

- ✓ **L-imsieħba soċjali Ewropej se jkomplu jiżviluppaw ukoll l-għarfien komuni tagħhom tal-bosta strumenti li jirriżultaw min-negozjati tagħhom, jiddeterminaw l-impatt tagħhom fuq il-bosta livelli tad-djalogu soċjali, ikomplu jikkoordinaw il-livelli varji tad-djalogu soċjali u n-negozjati, inkluż l-iżvilupp ta' sinerġiji aħjar bejn id-djalogu soċjali interprofessjonali u settorjali Ewropew.**

L-imsieħba soċjali Ewropej se jużaw għadd ta' għodod biex iwettqu din il-ħidma.

**ETUC** (u l-kumitat EUROCADRES/CEC), **CEEP**, **BUSINESSEUROPE**, **UEAPME** iqisu li dan il-programm ta' ħidma ma jikkostitwixxix lista kompleta. L-imsieħba soċjali jistgħu jiddeċiedu li jaġġornawh fid-dawl tal-iżviluppi fl-UE. Barra minn hekk, huma se jkomplu jimmonitorjaw l-implimentazzjoni tal-Istrateġija tat-Tkabbir u l-Impjiegi.

Barra l-programm ta' ħidma awtonomu tagħhom, l-imsieħba soċjali Ewropej se jkomplu jieħdu azzjonijiet f'livell bipartit u tripartit b'reazzjoni għall-proposti u l-inizjattivi tal-Kummissjoni Ewropea.

Confederation of European Business
Av de Cortenbergh, 168
B - 1000 Brussels
Tel.: +32 (0)2 237 65 11
E-mail: main@businesseurope.eu
http://www.businesseurope.eu

European Association of Craft Small and Medium-Sized Enterprises
Rue Jacques-Lalaing, 4
B - 1040 Brussels
Tel.: +32 (0)2 230 75 99
E-mail: info@ueapme.com
http://www.ueapme.com

European Centre of Employers and Entreprises providing Public services
Rue de la Charité, 15
B - 1210 Brussels
Tel.: +32 (0)2 219 27 98
E-mail: ceep@ceep.eu
http://www.ceep.eu

European Trade Union Confederation (ETUC)
Boulevard du Roi Albert II, 5
B - 1210 Brussels
Tel.: +32 (0)2 224 04 11
E-mail: etuc@etuc.org
http://www.etuc.org